MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 295/2013

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 393/13 fl-ismijiet:

Steven u Anita konjuġi **PAĊE**

vs

Paul **SAID**, Paul Camilleri, Michael Micallef u Ivan Farruġia

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrati eżekutati Paul Camilleri u Michael Micallef (aktar 'il quddiem imsejħin "l-

eżekutati") fis-26 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu (a) li l-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontrihom (u oħrajn) fuq talba tal-intimati eżekutanti miżżewġin Paċe (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutanti"), għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-istess eżekutanti għall-ħlas ta' penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti u tathom żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom għat-talbiet tar-rikorrenti eżekutati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti miżżewġin Paċe fid-9 ta' April, 2013, li biha u filwaqt li irreferew għal Tweġiba oħra li huma kienu ressqu f'rikors ieħor għat-tħassir tal-istess Mandat[1], qalu li t-talbiet tal-eżekutat ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex m'humiex mistħoqqa;

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti eżekutati jridu jneħħu minn fuqhom għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħhom (u oħrajn) mill-eżekutanti. Jgħidu wkoll li, minħabba li ma jeżistux iċ-ċirkostanzi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat minbarra li l-ħruġ f'dan il-każ intalab b'mod fieragħ u vessatorju għall-aħħar, l-eżekutanti jmisshom ikunu ikkundannati jħallsuhom penali;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutati (u oħrajn) fil-15 ta' Marzu ta' din is-sena. Il-Mandat inħareġ

[1] Rik. Nru. 285/13JRM (dekretat illum ukoll)

dwar kreditu ta' sebgħin elf euro (€ 70,000) fuq il-kawżali ta' "rifużjoni ta' ammont lis-sekwestranti u dan in konsegwenza ta' frodi ipperpetrat mis-sekwestrati flimkien u in solidum bejniethom meta b'*messa in xena* ikkonvinċu lis-sekwestranti biex jinvestu f'proprjeta' immobiljarja li suppost kellha tiġi mixtrija mis-soċjeta Valletta Glass s.r.l. soċjeta' allegatament reġistrata ir-Rumanija, u li fiha allegatament, is-sekwestrati jew min minnhom kienu azzjonisti". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil seba' (7) sekwestratarji, lkoll kemm huma banek kummerċjali. Bank minnhom iddikjara li kellu kont f'isem wieħed mis-sekwestrati eżekutati (mhux l-eżekutat f'dawn il-proċeduri) flimkien ma' oħrajn, u għalhekk ma satax jagħti tagħrif. Bank sekwestratarju ieħor iddikjara li ma kien iżomm l-ebda flus jew depożiti f'isem l-eżekutati;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti eżekutati sejsu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[2];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutati jibnu t-talbiet tagħhom fuq tliet (3) kawżali:

A) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Il-Qorti tgħid minnufih li r-rikorrenti eżekutati ma taw l-ebda ħjiel liema hija l-garanzija alternativa xierqa li dwarha t-talba tagħhom għat-tħassir tal-Mandat tista' tintlaqa'. Mhux xogħol il-Qorti tipprova tislet mill-ftit atti tar-rikors promotur x'riedu jgħidu l-eżekutati, u għalhekk, fin-nuqqas ta' prova tajba,

[2] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

ma tħossx li għandha għalfejn toqgħod ittawwal fuq din il-kawżali;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. L-eżekutati jgħidu li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija fiergħa, u mibnija fuq "gidba faħxija". Huma jisħqu li, fl-ewwel lok, l-eżekutant Steven Paċe daħal fi ftehim ma' kumpannija barranija u mhux magħhom. Fit-tieni lok, meta l-istess eżekutant qatagħha li jinvesti l-flus mal-istess kumpannija, il-ġid immobbiljari li dwaru kellu jsir in-negozju kien diġa' nkiseb minnha qabel ma għadda l-flus u għalhekk l-ilment tiegħu li twiegħed xi ħaġa li baqgħet ma seħħitx huwa lment bla bażi. Fit-tielet lok, jisħqu li l-eżekutanti għażlu li joħorġu l-Mandat kontra tagħhom għaliex ma ridux jiftħu proċeduri fir-Rumanija kontra l-kumpannija li magħha sar il-ftehim (u f'liema pajjiż hija reġistrata) u sabuha konvenjenti li jressqu l-allegazzjonijiet bla bażi tagħhom kontrihom hawn Malta;

Illi l-eżekutanti jwarrbu ukoll dan l-argument u jisħqu li l-eżekutati (u sħabhom l-oħrajn li kontra tagħhom ukoll inħareġ il-Mandat) kien konfoffa waħda biex jiffrodawhom billi jwebbluhom jinvestu f'kumpannija reġistrata barra minn Malta u jħajruhom joħorġu flushom f'investiment li baqa' ma seħħx. Jgħidu li l-eżekutati, jew min minnhom, żammew il-flus li nħarġu u stagħnew minn fuq daharhom b'qerq;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi

mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[3];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[4];

Illi minn dak li joħroġ mill-atti joħroġ li l-eżekutanti tassew jidher li għaddew somma flus li tissemma fil-Mandat[5]. Din għaddewha lil wieħed ieħor mill-intimati eżekutati. Il-ftehim li sar f'Jannar tal-2008 sar ma' dak l-eżekutat f'isem kumpannija jisimha Valletta Glass s.r.l. reġistrata fir-Rumanija. L-eżekutati ma jissemmew imkien. Madankollu, lanqas jidher li ikkontestaw l-allegazzjoni tal-eżekutanti li huma azzjonisti fl-imsemmija kumpannija u xiljiet bħal din ilhom isirulu mill-eżekutanti (permezz ta' ittri tal-avukat tagħhom) sa minn Marzu ta' din is-sena u jiġifieri qabel ma nħareġ il-Mandat[6];

Illi l-Qorti m'hijiex f'qagħda li tgħid minn issa jekk dan huwiex minnu jew le, għaliex din hija ħaġa li trid tirriżulta mill-provi quddiem il-Qorti li jmissha tisma' l-kawża fil-mertu. Imma ladarba l-eżekutanti qegħdin jibnu l-każ kollu tagħhom fuq il-kawżali tal-frodi li tmur lil hinn mir-rabta tagħhom mal-kumpannija u dawk li kienu warajha (huma jaċċennaw saħansitra għall-" *lifting of the corporate veil*"), ma jistax jingħad li huwa mad-daqqa t'għajn inverosimili li l-eżekutati kienu b'xi mod imdaħħlin jew jistgħu jgħidu x'sata' ġara bil-flus investiti mill-eżekutanti

[3] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[4] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***
[5] Ara dok f'paġ. 20 tal-atti tar-Rikors Nru. 285/13JRM
[6] Ara dok f'paġ. 27 tal-atti tar-Rikors 285/13JRM

mal-imsemmija kumpannija, jew jekk tassew humiex azzjonisti tagħha;

Illi, min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha minn issa tgħid u taqta’ li l-eżekutati ma kienu mdaħħla f’xejn f’din il-ġrajja, tkun qiegħda tagħmel ġudizzju qabel il-waqt meta l-istat tal-provi ma jagħmel lill-eżekutati fl-ebda qagħda privileġġata fil-konfront tal-persuni l-oħrajn li kontra tagħhom inħareġ il-Mandat. Kieku huma wkoll kellhom iressqu proċedura bħal din li ressaq l-eżekutat u jitolbu t-tħassir tal-Mandat għall-istess raġuni, il-Mandat jispiċċa jitħassar bla ma jkun għadu tqies is-sehem li lkoll jew min minnhom sata’ kellu fil-biċċa;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutata tatha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m’huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma qabel mill-eżekutati;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, ’il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m’għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta’ kwestjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b’mod vessatorju jew fieragħ[7]. Allura, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kwestjoni ta’ jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess

---

[7] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[8]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi ladarba l-eżekutati ma jsemmu l-ebda raġuni oħra li tista' twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi ta' din it-talba tagħhom, l-Qorti jkollha toqgħod fuq il-konsiderazzjonijiet li saru minnha taħt il-kawżali ta' qabel;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutati seħħilhom jagħtu raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas ta' penali[9];

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[10], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[11]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-

[8] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[9] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[10] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[11] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[12];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutati ma jsemmu speċifikatament l-ebda waħda mill-imsemmija ċirkostanzi, għalkemm mill-kliem użat minnhom fir-rikors promotur, jidher li qegħdin jaħsbu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 dwar meta t-talba tar-rikorrent eżekutant tkun saret b'malizzja, tkun frivola u vessatorja;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, l-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat. Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih;

Illi, kif ingħad, l-eżekutati jisħqu li l-eżekutanti mexxew kontra tagħhom bil-ħruġ tal-Mandat aktar b'konvenjenza milli b'konvinzjoni. Iżidu jgħidu li l-istess eżekutanti ħolqu l-istorja tal-qerq biex jippruvaw b'xi mod jiksbu lura l-flus minnhom investiti f'negozju li ma marx tajjeb. Dawn huma l-allegazzjonijiet tal-eżekutati, iżda b'daqshekk m'humiex prova tal-ħażen u lanqas tal-frugħa jew vessatorjeta' tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Min-naħa l-oħra, l-eżekutanti jibnu l-każ tagħhom fuq il-qerq perpetrat (skond huma) mill-eżekutati u sħabhom, u s'issa din il-pretensjoni għad trid tkun mistħarrġa mill-Qorti kompetenti;

Illi huwa minnu li l-eżekutanti ħadu r-riskju li jippuntaw is-swaba' tagħhom lejn l-eżekutati, iżda jekk 'il quddiem tul is-smigħ tal-kawża se' joħroġ li dan għamluh bla kont, ta' dan jistgħu jħallsu l-prezz bi proċeduri xierqa li l-eżekutati jistgħu dejjem jieħdu u li l-liġi tagħtihom;

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u

[12] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***

li l-intimati eżekutanti kellhom u għad għandhom raġunijiet tajbin biżżejjed biex talbu l-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[13]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[14];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrenti eżekutati, billi m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra tagħhom;

Mogħti kameralment illum, it-22 ta' Awissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)